MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 7

It-Tlieta 22 ta' Mejju 2018

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

***Ma Kienx hemm***

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

## 7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

***Ma Kienx hemm***

## 7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

7.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'April 2018.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati ( seduta 6 u 8 )fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera Maria Sultana

## 7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku : Korrespondenza

7.3.1 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill b'email formali mingħand it-tm rigward ir-'reserved bays' tal-lokal fejn ġie maqbul mill-istess Kunsill isir eżerċizzju b'informazzjoni konkreta min għandu juża dawn il-parkeġġi u jitneħħew dawk li fosthom kienu jintużaw minn nies li mietu kif ukoll li ġew irrekoverati ġo 'homes' permanenti.

7.3.2 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill b'talba għal żieda ta' skip fi Triq il-Kapuċċini fejn l-istess Kunsill ma qabilx u skip oħra m'hijiex ħa tiżded minħabba illi r-residenti għandhom il-benefiċċju li r-'runner' jiġbor il-boroż minn wara l-bieb ta' kull residenza.

7.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament illi Trejqet Franġisku Chircop għandha tiġi organizzata b'parkeġġi ġodda li jinkludu l-linji sofor fejn hu suppost skond kif jiggwidaw il-Kunsill TM bħas-soltu minħabba lmenti mingħand residenti li għandhom il-garaxxijiet ġo din l-area u qed ikun hemm diżgwit u 'hassle' biex joħorgu l-karozzi tagħhom minn ġol-garaxxijiet rispettivi tagħhom.

7.3.4 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-bqija tal-Kunsill bir-risposta fuq 'culverts' li hemm bżonn isiru fi Triq Missjoni Taljana kif diġa' kien ġie diskuss u maqbul f'seduta preċedenti fejn it-TM qiegħedin jgħidu li din il-kwistjoni taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill. Il-Kunsill saħaq illi t-Triq imsemmija hawn fuq hija waħda arterjali b'hekk dan ix-xogħol irid isir minn Tm. Apparti

minn hekk ġie enfażizzat illi r-rampi li hemm ma jistgħux jinqalgħu qabel isiru l-'culverts' minħabba r-raġunijiet ovji.

7.3.5 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar suġġeriment li hija ingħatat mingħand l-ispettur tad-distrett biex jitwaħħlu 'plastic bollards' fi Triq ix-Xatt minħabba l-kwistjoni ġa diskussa f'seduti preċedenti tad-'double u triple parkings' quddiem ħanut partikolari tat-'take away' biex jitnaqqsu l-ilmenti fuq din il-materja fix-Xatt tal-Kalkara. Il-Kunsill qabel unanimament li dan is-suġġeriment għandu jintbgħat TM biex inġibu l-approvazzjoni neċessarja.

7.3.6 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-kunsill illi fl-ewwel ta' Ġunju l-puluzija u l-cleansing flimkien mal-Kunsill ser ikunu qiegħedin jiżgumbraw dgħajjes bla numri karrijiet u ħmieġ mill-area tax-Xewkija tal-Kalkara dan wara qbil bejn il-partijiet kollha u wara illi dan l-eżerċizzju ġie innotifikat fuq gazzetta lokali kif ukoll dik eletronika għal informazzjoni tal-pubbliku.

7.3.7 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba mingħand xi residenti li joqgħodu fl-inħawi ta' Triq Ganni Raimondo biex tiġi organizzata xi tip ta' żebgħa / sinjali mal-art minħabba l-periklu li qed isibu meta jiġu biex jaqsmu lejn Triq il-Kapuċċini. Il-Kunsill għal darboħra saħaq u qabel illi dan l-ilment / suġġeriment għandu jintbgħat it-TM għal gwida formali x'wieħed jista' jagħmel biex inaqqas il-periklu.

7.3.8 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar laqgħa li kellha mal-assoċjazzjoni bl-isem ' assoċjazjoni Wirt il-Kalkara' fejn iltaqgħat mal-membri ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill. Il-membri introduċew ruħhom kif ukoll iddiskutew u infurmaw il-Kunsill mas-Sindku fuq ix-xogħol li qiegħedin jaħdmu fuqhom għal benefiċċju tal-Kalkara speċjalment it-tisbiħ / tranġar ta' Fort Ricasoli mal-Gvern Centrali fost affarijiet oħra li kieku jkollom iseħħu ħa tibbenifika minnhom il-Kalkara għal pjaċir ta' kulħadd.

L-istess assoċjazzjoni talbet li jkun ta' pjaċir illi jiġi u mistiedna dawn il-membri għal attivitajiet imtellgħin mill-Kunsill biex b'hekk huma jkunu parteċipi minn naħa tagħhom.

7.3.9 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ħarga għal Kemmuna lill-anzjani u Familja fix xhur li ġejjin. Id-data għada mhux ikkonfermata.

7.3.10 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li

kellha ma' l-Onor Glenn Beddingfield flimkien gewwa lufficini tal -Pa aktar kmieni dan ix-xahar fejn għal darb'oħra hija kienet preżenti u enfazzizzat l-importanza tal- proġett ta' riġenerazzjoni tax-Xatt tal-Kalkara. Għal din il-laqgħa kien hemm ukoll diversi Sindki tal-lokalitajiet oħra kif ukoll ic-chairperson is-Sur Johann Buttigieg

7.3.11 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba mingħand resident ġewwa Triq l-Għassieli fejn reġgħet talbet li titpoġġa 'traffic calmer' fin-nofs tat-triq minħabba l-fatt illi l-karozzi jidħlu bi 'speed' eċċessiv u quddiem il-blokka tal-flats fejn toqgħod hi m'hemmx bankina minħabba li t-triq hija dejqa.

Is-Sur Pawlu Bongailas qal illi dik it-'traffic calmer' inqalgħet wara li kien hemm ilmenti mingħand residenti oħra fl-istess Triq li kien qiegħed iżomm ħafna ilma magħha.

Il-Kunsill qabel li għandha tinġieb opinjoni mingħand TM x'wieħed jista' jagħmel biex inaqqas il-periklu ġo din l-istess triq biex ikun kuntent kulħadd.

7.3.12 Is-Sinjura Sindku infurmat il-Kunsill dwar kors li l-Kunsill irid iħallas parti minnu li qed jiġi organizzat minn naħa ta lansek flimkien ma' xi partijiet oħra fuq is-Sistema tas-sage. Is-Seg Eżek kompliet żiedet illi dan il-kors huwa essenzjali fid-'day to day running' ta' kuljum għal Kunsill avolja hemm kuntratt ta' accountant, pero tajjeb li wieħed jiġi itrenjat biex jifhem aħjar il-figure meta jitlestew ir-rapport formali mingħand l-istess accountant.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dan il-kors huwa bżonjuż u ħadd ma sab oġġezzjoni li jattendi xi ħadd mill-impjegati jew is-Seg tal-istess Kunsill.

7.3.13 Għal din is-seduta kien hawn preżenti persuna li bagħat lill-Kunsill ilment/ jitlob permess biex jarma gabbana ta' ikel fl-inħawi ta' Smart City dan wara li mar iżarmah puluzija mibgħut mill-Kunsill wara li kien daħal ilment formali li kien qiegħed ta' 'eyesore' fejn kien qiegħed jipparkja u jbiegħ.

Din il-persuna saħħqet illi fil-fehema tiegħu ma kellux xejn ħażin u kien il-bogħod biżejjed mir-restaurant ta' Smart City skond kif tgħid il-liġi u ma ħassx li hu sew illi ġie imneħħi minn fejn kien.

Is-Sur Bruno saħaq illi lanqas hu sew li kull ilment li jidħol il-Kunsill irid itih ir-raġun dan minħabba illi jinqeda persuna u tweġġa l-ħaddieħor.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li din il-gabbana timxi lejn Santa Liberata fil- viċinanzi tal-'pickles butcher' wara li dan is-sit il-ġdid ġie issugerit mill-

istess individwu li għandu l-gabbana.

Il-Kunsill saħaq li hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jitpoġġa hemmhekk dan wara li jkollu l-permessi kollha neċessarji speċjalment dawk ta' TM għaliex din l-area ma taqax biss taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill biss.

.

## 7.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 7.4.1 Christopher Bruno– Vici Sindku

**A.** Is-Sur Bruno saħaq li wara li l-Kunsill iddeċieda li jerġa' jneħħi id-' disabled parking bay' ta' Triq is-Sienja fil-viċinanzi tal-iskola kien hemm mill-inqas 3 min-nies li urew il-bżonn tagħha għal darb'oħra.

Is-Seg Eżek saħħqet illi ma jistax ikun illi deċiżjoni tiġi imbiddla 3 darbiet konsekuttivament dan wara li l-Kunsill qabel unanimament li titneħħa. Is-Sur Bruno qal illi 6 xhur oħra kif tgħid il-liġi ser jerġa jtella dan il-punt biex il-Kunsill jerġa' jikkunsidra li terġa tinżebaħ id-'disabled bay' fejn kienet oriġinarjament.

**B.** Is-Sur Bruno talab l-approvazzjoni lill-Kunsill biex isir 'railing' fil-passaġġ bit-taraġ li jagħti għal Triq Patri Mattew Sultana minn Triq Franġesko Chircop

c. Is-Sur Bruno saħaq illi tajjeb niksbu risposta bil-miktub fuq x'ser isir meta esplora jieħdu n-naħa ta' bighi biex l-affarijiet ikunu ċari. Ir-residenti ser ikollom aċċess lejn 'bighi rocks' fejn ħafna jagħżlu li jmorru jgħumu?

Is-Sur Bruno talab ukoll li jinġieb health and safety officer minn naħa tal-Kunsill biex jivverifika li t-taraġ li kien aċċessibli fil-Passat għan-nies lejn bighi huwa vera magħluq ħabba safety li dejjem qalu l-amministrazzjoni ta' esplora u mhux għal affarijiet oħra għaliex ħafna nies huma urtati.

**Is-Sur Pawlu Bongailas - Kunsillier**

**A.** Is-Sur Pawlu Bongailas, informa l-Kunsill dwar laqgħa li kellha issir mal-każini tal-baned flimkien rigward il-festa tal-lokal 2018 fejn intbgħatu xi emails mis-Seg Eżek qabel din is-seduta, li hu ma' jistax jattendi fid-data li jista' każin partikolari u li m'huwiex etikett tinbidel id-data ħabba każin partikolari dan wara dan il-'meeting' ser isir għal benefiċċju taż-Żewġ każini. Is-Sur Bongailas talab li tintbgħat email oħra bil-konferma tad-data oriġinali stipulata minn kulħadd u min ma jistax jattendi jintbgħat rappreżentant ieħor tal-każin rispettativ.

**B.** Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi hemm bżonn tittieħed deċiżjoni fuq min ser iwieġeb fuq il-midja soċjali fejn il-materja tkun tikkonċerna l-Kalkara.

Il-Kunsill qabel unanimament illi kulħadd għandu dritt jikkumenta u jwieġeb fuq il-paġni tal-media soċjali.

**C.** Is-Sur Bongailas saħaq illi hawn ħafna ilmenti fuq il-knis madwar il-lokal. Huwa saħaq ukoll illi kennies wieħed mhux biżżejjed għal lokal tal-Kalkara u b'hekk il-ħmieġ f'żoni partikolari qed ikollu jinkines mir-residenti stess bħal pereżempju:

Triq il-Frejgatina
Triq il-Luzzu
Triq il-Progress u aktar.

Is-Sinjura Sindku ma aċċettatx dan il-punt imsemmi hawn fuq għaliex hi ftit li xejn ikollha lmenti fuq il-ħmieġ tal-Kalkara anzi ikun hemm ħafna nies minn barra l-lokal li jfaħħru l-ordni u l-indafa fil-Kalkara.

Is-Sinjura Maria Sultana qabblet mas-Sur Bongailas kif ukoll ġibdet l-attenzjoni fuq każ partikolari fejn il-kuntrattur li jiġbor il-boroż ta' kuljum waqatlu borża infetħet fit-triq u ma ndenjax ruħu jiġbor jew jiknes li waqa'.

**D.** Is-Sur Bongailas għamel enfażi għal darbohra li fil-Kalkara hawn bżonn il-green wardens illum qabel għada speċjalment in-naħa tax-Xatt fejn hemm problema rikorrenti ta' boroż u ħmieġ fejn il-bandli.

**E.** Is-Sur Bongailas informa l-Kunsill li c-'chairperson' tal-lands inbidel u tajjeb li s-sitwazzjoni ta' devoluzzjoni li għandha l-Kunsill fil-preżent għandha terġa tintbgħat lill-persuna l-ġdid kif ukoll jekk hemm bżonn jiġi skedat 'meeting' biex infhemu sew is-sitwazzjoni tal-Kunsill dwar din il-materja.

**Is-Sinjura Maria Sultana - Kunsilliera**

A. Is-Sinjura Sultana infurmat il-Kunsill illi wara ftehim mal-'madam' tal-iskola intlaħaq ftehim illi għas-sena d-dieħla ser tiġi skeda attivita' għal jum il-librerija mit-tfal tal-iskola kif ukoll ġie issuġerit mill-iskola stess biex minflok it-tfal jiġu meħudin fil-librerija tal-Kunsill Josette li hija l-persuna responsabbli mill-librerija tiġi tagħti 'speech' l-iskola biex it-tfal ikollom informazzjoni fuq il-Kunsill Lokali tal-Kalkara x'joffri bħala servizzi u x'tip ta' kotba huma 'available' għal beneficcju ta' l-istudenti kollha.

## 7.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

7.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 4.18 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 7.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 7.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

7.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 26 ta' Gunju 2018 fil 4:00 p.m. u spiċċat fil 5:30 ta filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 22 ta' Mejju 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |